# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**

*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**153.** **19 ta' AUUISSU 1911.** **IT-TIELET SENA**



FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal anqas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallanqas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'lgazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**


# IL "GHAKDA MALTIJA"

Da'l ġranet ircevejt m'is-Suez ir-rivista ġdida li ħareġ is-Sur Bugeja b'it-tama li jgħakkad flimchien f'il feħma u b'il kalb il Maltin li jinsabu imxerrdin ma'd-dinja collha. Dina il gazzetta jisimha l-«UNIONI MALTIJA» u fiha jidħru articoli bl-ingliż, b'it-taljan, b'il franciż u b'il malti. Jiena jidħirli li għad li il ħsieb ta's-Sur Bugeja hu sabiħ u ta' min ijfaħħru ħafna b'it-triek li kabad ma jasalx sgur fejn jixtiek għaliex il bakra kabadha minn denbha f'loc li minn għonkha. Il gazzetta għal dana il ħsieb tisŭa ŭisk iżda biha biss ma jagħmel xejn għaliex għandha tcun *effett* u m'hux *caŭsa*, u fl-istess ħin trid tcun gazzetta orħos, stampata aħjar u mictuba ŭisk aħjar ucoll b'articoli li m'hux biss ijżommu lil Maltin jafu x'inhu jsir iżda li jfittxu jkanklu il ġid tagħhom u il għalenija ta' bejniethom.

It-Tabib John Zammit ta' Tunes għandu ucoll, ta' veru patriotta li hu, dina ix-xeŭka sabiħa li jgħakkad il Maltin collha li jinsabu mxerrdin ma'd-dinja f'kalb u feħma ŭaħda u dana hemm bżonn li jsir għaliex Maltin barra minn Malta hemm actar milli haŭn f'da'l gżejjer u għalhecc meta jingħakdu f'dakka jlaħħku b'collox ma'l ħames mitt elf ruħ.

Jiena jidħirli li biex tcun tista isseħħ dina il Għakda hemm bżonn li jsir hecc. Nibdeŭ biex f'iċ-centri fejn hemm ħafna Maltin bħal ma huma Lixandra, il Cajr, Tunes, l-Alġier, Port Sajd u Tripli naħtru xi bniedem kalbieni, li hu maħbub u jisŭa f'dac il pajjis, li jaccetta li jindaħal għal dina il biċċa xogħol ta' taħbit u ta' tisfiek-il-ŭiċċ bħal ma naħseb li hu tajjeb ħafna it-Tabib Zammit ta' Tunes. Dana jagħżel f'ġabra bejn il Maltin collha ta' hemm l-aħjar tnax il Malti li jingħakdu f'Cumitat li jistudja tajjeb il bżonnijiet ta'l colonja u il vantaġġi tagħha ucoll. Bħal dana il Cumitat ijsir ŭieħed f'cull belt fejn hemm ħafna Maltin chif għidna u il Presidenti ta' daŭna il Cumitati jingħakdu imbagħad f'Cumitat Ġenerali li jcollu il President, is-Segretarju u is-Sede tiegħu haŭn Malta. Bħala organu ta' dina il «Għakda» jrid ijcun hemm gazzetta basta tcun irħisa li jcun jista jilħak prezzha cullhadd u dina tista tiġi magħżula minn daŭc li ġa haŭn basta li għal membri ta' dina il «Għakda» tintgħata bi prezz speċjali ta' m'hux actar minn żeŭġ xelini f'is-sena (barra m'il posta) biex ħadd ma jitmeżmeż m'il ispejjes u dina il gazzetta tinteressa ruħha m'il ġid ta'l colonji maltin scond ma jgħarrfu is-segretarji tagħhom.

Jiena nifħem li il patriotta Professur Manchè jindaħal b'il pjacir biex jieħu seħem f'il Cumitat ta' Malta u li it-Tabib Mattei ma jonkosx li jatina dakka t'id biex immixxu dina il «Għakda» il kuddiem. F'daŭc il bliet fejn hemm Maltin ftit jista jsir ŭieħed minnhom bħal CONSLU u dana jibgħat lill Cumitat Ġenerali l-informazjonijiet tiegħu bħal ma dana jcun jjsta jirraccomandalu il Maltin li jemigraŭ biex jatihom dakka t'id, ijsibhilhom xogħol jeŭ jifthilhom għajnejhom f'dac collu li jcunu jridu jafu kabel ma jitilku għal hemm.

Cull Conslu jeŭ President jistudja ma'l Maltin ta'l belt tiegħu f'hiex il Cumitat Ġenerali u il membri ta'l «Għakda» jistgħu jgħinuhom bħal ma jfieħmu lil Cumitat Ġenerali liema huma il vantaġġi li toffri għall Maltin il Colonja biex daŭna jcunu jistgħu jemigraŭ fiha. B'hecc daŭc il Maltin li f'belt ijcunu ftit u li ŭieħedhom ma jcunu jistgħu jaslu imchien meta jcollhom il għajnuna morali, intellettŭali u jecc hemm bżonn ta'l flus ucoll ijcunu jistgħu jinkdeŭ aħjar. Jecc issir talba lil Gvern li tcun annom ta' 500,000 ruħ tisŭa ŭisk actar milli meta tcun saret annom ta' ħames mija biss.

X'jista jsir u chif jista jsir ŭieħed jarah u jistudjah il kuddiem meta tcun seħħet il biċċa; ghal issa nafu biss li «il ghakda taghmel il kaŭŭa» u ghalhecc li nibdghu biex ninghakdu f'kalb ŭaħda ghalenija u b'hecc insiru actar setghana ma naghmlu xejn ħażin. Nibdghu biex insibu ftit nies kalbiena u patriotti li jridu jaħdmu tasseŭ ghall ġid ta' ħuthom l-oħrajn u meta insibu lil dauna u dauna jibdghu jaħdmu b'il Cumitati taghhom id-daŭl jiġi ŭaħdu chif ghandha tibka titmexxa il biċċa. Cull min jrid jindaħal biex jatina dakka t'id jista jgharrafni u ghal issa il gazzetta tieghi tista takdi ghal dina il ħaġa sabiħa. Meta jinghakad il Cumitat seŭŭa jara hu jecc ghandux joħlok gazzetta ġdida ghalih jeŭ b'liema milli haŭn ġa jinkeda bħala organu ta' dina ix-Xirca.

Aħna nafu li il Maltin huma nazjon, li ghandhom il-lingŭa u il bandiera taghhom iżda cana x'jisŭielhom jecc ma jcunux maghkuda ghalenija f'kalb u f'fehma ŭaħda? Mela ninghakdu f'kalb ŭaħda u naħdmu ghall ġid ta' ħutna il Maltin collha.

## FRAC.

Jiena faħħart chemm il darba f'in-«Naħla» l-iscola ta's-Sur Billion, ta' Strada Ridolfo, ta' Ta's-Sliema u b'ir-raġun collu ghaliex fl-esamijiet dejjem ghaddeŭ minnha ħafna tfal. Dan l-aħħar fl-esamijiet ta'l Liceo ghaddeŭlu TLITTAX il ŭieħed. Is-Sur Billion hu surmast ta' ħila u mħarreġ ħafna u ghalhecc cull min jerħi l-uliedu taħt it-trieġija tieghu ma jibdielux sgur.

★

DAŬC COLLHA LI ILLEGAŬ IN-« NAĦLA » U LI HI IFFIRMATA MINNI U LI ĦALLSU SA'N-NUMRU 156 JISTGHU JIĠU JEŬ JIBAGHTU GHAL PREMJU GHANDI ID-DAR ŬARA NOFS INHAR, BARRA M'IL ĦDUD M'IL 4, SA'S 6. A. LEVANZIN.

★

Niżżiħajr l'is-Sur Fons Galea m'il ctieb ta'l Propaganda u m'il «Missjunarju iż-Żghir» li ghoġbu jibghatli u li minnhom rajt li kieghed b'it-tħabric tieghu u ta' oħrajn bħalu ijsir ħafna ġid f'il ruħ. Il flus li inġabru ghal Psopaganda huma tasseŭ ta'l ghaġeb gha'ż-żmienijiet ħżiena taghna iżda min jista ma jghinx opra ta' ħniena hecc cbira biex ijżommu ħafna missjunarji li bosta minnhom ijmutu martri biex jakdu id-dmir imkaddes taghhom bħal ma insibu f'dana il ctieb li mietu tlieta b'il pesta f'il Manċjurja fejn marru jiekfu ma'l morda u ieħor maktul m'iċ-Ciniżi x'ħin chien kieghed ijxandar it-taghlim ta' Cristu? Ghinu mela l'is-Sur Fons b'il kalb ghaliex kieghed jaħdem ghal ġid tasseŭ.

Sur Levanzin,

Krajt 'ill poeżija «Lil San Ġusepp» ta's-Sur Nin Calleja miġjuba f'in-«Naħla» u sibtha sabiħa tasseŭ. Biss jippermettili is-Sur Calleja nghidlu tliet ħŭejjeġ:

(1) li jneħħi l-chelma *mtahar* (li jrid ighid biha *iccirconcida, kartaf*) u ikieghed flocha *taħħar* jeŭ *ħaten*. Il chelma *mtahar* la tinsab fl-ebda dizzionariu, u inkas ma hi ta' ghamla ta' verb attiv chif jitlob is-sens: il ghamla taghha hi ta' verb rifless bhal ta' *stilet, rtakad, xtorob, xteħet, ntebah, xtered, stelaħ*, jiġifieri ta' verb li ghandu l-ittra *t* imdeffsa fil verb *mahar*, li tarġa' ankas jeżisti.

(2) li ghad li *setghâna* u *tàghna* fil-lsien tan-nies ta' l-ibliet u ta' rhula kribhom jistemghu imkabblin: fil-lsien, iżda, ta' nies ta' nħaŭi oħra, nghidu aħna, tal Mosta, ta' Tal Għalja u ta' GĦaŭdex, ma jatu l-ebda hiel ta' takbil. F-ilsien daŭc ta' l-eŭŭel jistemghu donnhom mictubin *setâna* u *tâna*, minghajr *gh*, u f-ilsien daŭn ta' l-aħħar jistemghu donnhom mictubin *setrâna* u *tàrna*, bl-ittra *għ* donnha *r* franciża, msemmgha b-dahar il-lsien u mux bil ponta tieghu.

Din tal *għ*, li fl-ibliet u f'xi rhula oħra ta' mad-dŭar ma tistamax, tat il-lala lil xi chittieba ma jatux contha, seŭŭa f'cażi ta' takbil, chemm ucoll f'cażi ta' għadd tas-sillabi fil vers. Tat il-lala lill Cav. Muscat Azzopardi P.L. fil poeżija «Sant'Antnin,» billi kabbel *għana* ma *tagħna*; tat il-lala lis-sur Sapiano Lanzon f'il *Francesca minn Rimini* tieghu, billi żeŭġ vocali bl-ittra *għ* bejniethom ghaddhom sillaba ŭaħda floc tnejn, bħal fl-eŭŭel minn daŭn iż żeŭġ versi—*Int hieni ghax minn l-imhabba—Tinsaħ, hija, battâl;* u tat il-lala ucoll lili billi cont ghamilt darba li-stess ħaġa li ghamel, u ictarx imħabba fija, l-imsemmi sur Sapiano Lanzon.

(3) li bħala rifless ta *xħett* biżżejjed jicteb *nxħett* jeŭ *xtħett*, jiġifieri jeŭ iġib iż-żieda ta' *n* jeŭ iż-żieda ta' *t:* ma hemmx bzonn jati lill chelma iż-żeŭġ żediet u jicteb *nxtħett*, li, ghalchemm tistama' f'fomm ħafna nies, hi minnghajr dubju xejn ħażina daks chemm chiecu ŭieħed jicteb bit-taljan *tu ti ti gettasti*. Niżżic ħajr mil ŭisa' li tajtni u ghoddni

Il ħabib tieghec G. VASSALLO.

Lulju 1911.

## TLAKKIT.

—L'it-Tabib Winslow, f'is-seclu tmintax, ghalkuh darbtejn f'it-tebut ghax ħasbuh mejjet u id-darbtejn stenbaħ kabel ma laħku difnuh. Hu chien li ħambak ħafna u bdeŭ ijħallu bhal-lum il mejjtin f'il camra ghal erbgha u ghoxrin siegha kabel jidfnuhom. F'il Ġermanja jafu ghallankas bi tlietin ruħ li stenbħu hecc ŭara li it-tobba kalu li chienu mejjtin. Il Hebb f'il ctieb tieghu jsemmi MITEJN U DSATAX il cas ta' nies li minn ghalihom mietu u chien ghadhom ħajjin u li ghal ftit ma difnuhomx. Il *Figaro* ġabar ma'l ERBA MITT cas u id-Dr: Harthman ġabar SEBA MITT cas ieħor. Id-Dr: Thuret ijgharrafna li f'iċ-Cimiterju *Les Innocents* ta' Pariġi meta kala ħafna kobra sab bosta catavri b'mod li chienu juru ċar li iċċakilku f'it-tebut ghaliex meta difnuhom ma chienux ghadhom mejjta. Il conti pollacc Karnice-Karnicki ivvinta caxxa li jecc ŭieħed midfun jistenbah fiha jcun jista johroġ.

Il ferħa cbira li ġarrbet, billi chellha kalbha maħsusa seŭŭa b'il ħafna ghali li chienet xorbot, ġiebitilha ghaxŭa m'il actar coroħ li saħansitra chellhom jibaghtu gha't-Tabib Ghaxak ghaliex beżghu li sejjra tibka mejjta taħtha; u dana tħabat maghha m'hux ftit sa reġghet stejknet billi saħħitha chienet ŭaslet tasseŭ fl-aħħar truf taghha.

Kabditha leħġa li tbażża u cull tant chien donnu jcun sejjer jinkatghilha nifisha ghal collox billi chienu jicħalu xoff-tejha u ticsħilhom bħal rħama ghal mejjta.

It-Tabib Ghaxak ma tkankalx minn hemm u l-actar issa li chienet sejjra tieħu dicsata seŭŭa oħra meta tiltaka, ŭara tant żmien, ma' bintha Colina.

Il Hachem ħuha sabbarha chemm felaħ u ma ŭera lil ħadd li Colina chienet ċaħdet dinha biex ma jmurx jasal f'ŭi-dnejn oħtu u jghalliha actar.

Ghal ħabta ta's-siegha Colina, ma' Fatma, Hamid u il Balliju Blacas ŭaslu f'caless maghluk u żelku b'il ħeffa f'dar il Hachem bla ma ħadd intebaħ bihom.

Il Hachem Falzon chien ilu ħafna fuk ix-xŭiec jippassiġġa fl-intrata biex jilkaghhom hu malli jaslu ħalli jfeħimhom x'ghandhom jaghmlu biex ma jaħsdux l-oħtu m''l aħjar li jistghu billi chien kata kalbu minnha ghal collox. Biex jatih dakka t'id f'tabxa cherħa bħal din il Hachem chien baghat jitlob lil Patri Damjan, li chien ġa ŭieħed m'il eghżeż ħbieb li chellu, halli jiġi jdur ftit b'oħtu f'ŭakt imgerfex bħal dac; u dana il gharef u kalbieni dumnican ma tilefx żmien li ma fittexx mar biex jecc is-Sinjura Enzjona teħżien f'dakka jcun imħejji dlonc ħdejha. It-Tabib Ghaxak u Patri Damjan ħej-jeŭ m'il aħjar li setghu l'is-Sinjura Enzjona biex tilka il bintha bħal ma ħejjeŭ lilhom intushom ghal cull saram li sata katt jinħolok billi chienu imbeżżghin ħafna li oħt il Hachem ma tcunx tiflaħ ghal kaŭŭa ta' dic il ferħa hecc cbira.

Meta Colina ŭaslet ghand zijuha il Hachem ŭiddibha li ma chellha turi xejn l-ommha li kalbet dinha jecc tistaksiha; ghaliex billi chienet mara ta'r-ruħ ŭisk bxara cherħa bħal dic chienet tgerbiba sgur ġo'l kabar. Lil Hamid żammeŭh isfel ma' Fatma biex lankas ma nebbħu l'is-Sinjura Enzjona li hi chienet iżżeŭġet ma' Hasan u b'hecc ijcun jista jghad-dilha minn rasha il ħsieb li kalbet musulmana.

Il Balliju tala fuk ma'l Hachem biex ijfarrġu ftit billi chien isfar bhal lelluxa u mixrub donnu ghadu jkum minn xi marda cbira.

Colina, sa telghet, bdiet tirtoghod bħal xakk ta' kasba u ghalhecc il Balliju Blacas ŭieżinha minn taħt abtha b'il ħleŭ-ŭa collha u kaŭŭielha kalbha bl-isbaħ cliem ta' missier li sata katt ijsib f'dac il ŭakt f'fommu. Colina resket ħdejn ras is-sodda t'ommha collha imreghda u tistghu taħsbu chif inxtorbot ġeŭŭa fiha meta ratha saret hecc malamira u b'il bichi tilfet saħansitra ghajnejha b'mod li lankas ma ratha biss dieħla ħdejha. Inxteħtet ghar'rcopptejha, kabdet, tirtoghod u tolfok, l-id sfajjra u maghluba t'ommha u kaltilha b'chisra ta' leħen li ixxokk il klub:— «Ma,... aħfirli minn chemm ghal-tejtcom» u infexxet tolfok actar kaŭŭi minn kabel. Is-Sin-jura Enzjona bdiet ittemtem bla ma taf x'sejjra tibda tghejd jeŭ taghmel, bdiet tfittex b'idejha jfertru fl-arja biex issib ras bintha ħalli tħaddanha ma' kalbha li bdiet tħabbat b'mod li jbażża, u meta Colina kamet u ghannkitha b'imħabba l-actar cbira is-Sinjura Enzjona ħaddnitilha rasha ma' sdirha, biesi-thielha b'chemm sabet ħraħa f'xofftejha u nkalbet ŭara nijiet biha b'collox ghaxja, ċaħla b'ħa'n-nir, chiesħa bħal irħama u b'il ħurħara ta'l meŭt li chienet ġa infirxet fuk ŭiċċha.

It-Tabib Ghaxak kam minnufih u medd idejh biex jaghmel dac li chienet tŭiddbu, f'ŭakt icreħ bħal dac, is-sengha tie-ghu, u Patri Damjan m'il banda l-oħra beda jħejjilha ruħha, b'it-talb tieghu, gha'd-dinja l-oħra. Il Balliju Blacas inxteħet gha'r-rcopptejh ijghid il-litanija u il Hachem, jolfok, beda jnie-ġbu m'il aħjar li sata. Colina bakghet hecc imghannka m'om-mha, mitlufa barra minnha infisha b'il ghali u in-nichet cbar li chienet kieghda iġġarrab, sa chemm is-Sinjura Enzjona ma bakghetx tharħar actar, chesħet ghal collox, jebieset u it-Ta-bib Ghaxak feħimhom b'rasu li ruħha chienet ittajjret gha'd-dinja l-oħra.

Tistghu taħsbu chemm tħabat Patri Damjan sa silet lil Colina minn fuk ommha. Mitlufa bħal miġnuna bdiet iddur ma'l camra tati tuk rasha, tkatta xagharha, tghid cliem issa ta' ħniena u oħra li jitaħħax sa' gharkana xraba, mfaŭŭra bħal pepprina, micduda b'dic id-daghdigha collha ixxeŭlħet minn tulha fl-art, donnha mejjta, b'mod li siltet id-dmugħ li cull min chien hemm ma' dŭarha kieghed jaraha.

Il Balliju u it-tabib Ghaxak refghuha m'il art, daħħluha f'camra oħra fejn medдeŭha fuk sodda u ħalleŭ ħdejn rasha lil Patri Damjan biex malli tistejken jieħu ħsieb li jfarraġha ftit hu.

Il Hachem baka jolfok b'uiċċu midfun bejn idejh ħdejn il catavru t'oħtu u il Balliju ġibed f'rocna l'it-Tabib Ghaxak biex ijfiehmu, fi ftit cliem, chif Colina chienet ŭakghet irsira taħt il ħacma tieghu.

Meta Colina ġiet f'sensiha Patri Damjan dar biha m'il aħjar li sata u feħimha li ommha b'dac il beŭs u it-tghannik collu chienet seŭŭbet fukha il maħfra taghha collha. Biss kalilha li chienet ghad trid tinxteħet f'riġlejn xi ħadd ieħor u titlob maħfra lilu b'il ħrara collha biex jinħafrilha id-dnub cbir li ghamlet u li bih ċaħdet dinha gha't-taghlim ta'l karrieki Maŭmettu. Colina feħmet minnufih x'ried ijghej-dilha Patri Damjan u kaltlu li hi cull ma ghamlet ma rie-detx bih iżżeblaħ it-tiemmin imkaddes u ghażiż ta' missi-rijietha iżda biss riedet tisma minn dac li kalbha chienet tant tħobb. Talbitu ghalhecc, minn jeddha, biex, la tghaddi dic il burraxca, jasal xi ŭasla ħalli tterraħ ghommitha mieghu u tkerr dnubietha collha ghaliex, chif kaltlu, chienet bdiet tħoss li ftit ħajja chien ghad bakghilha hi ucoll li ma tmurx tistriħ ġo'l kabar li chien kieghed jinfetaħ ghal l-imsejcna ommha, billi il ghali u il ktieghi li ġarrbet chienu ħorox ŭisk.

Patri Damjan ħareġ ferħan ħafna minn ħdejn Colina u bla telf ta' żmien xejn ta l-aħbar tajjba lill Hachem li fe-raħ bla tarf b'dic il bxara hu ucoll. It-Tabib Ghaxak talab lil Falzun biex jiġbor lil Colina ftit ghandu sa jieħdu l'is-Sinjura Enzjona ħalli ma tatix f'il ghajn chemm jista jcun; u billi tant il Hachem chemm ucoll Colina raŭ li chien ħa-sibha tajjeb ħafna, ŭara li dina bieset chemm felħet il ŭiċċ sfajjar t'ommha u xerrdet fuku gliegel sħaħ ta' dmugħ, malli chiser il-lejl seŭŭa marret imleff'fa ma't-Tabib Gha-xak f'daru b'Hamid u b'Fatma maghha biex iddur bi-hom.

L-aħjar nies ta'l gżira ġeŭŭ ŭasslu l'is-Sinjura Enzjona sa'l aħħar ghamara taghha f'il Catidral billi ta' Falzun chienu miġjuba ŭisk, u b'hecc is-Sinjura Enzjona marret issib ftit mistriħ fejn żeŭgha Ġanni m'il burraxc kalil ta' dina il ħajja chiefra.

(*Jissocta*)

# THE BRITISH CONFECTIONERY

## 16F STRADA FLEUR-DE-LIS 16F
## BIRCHIRCARA.

Ngharrfu lil clientela taghna illi dana id-depost ta'l ħelu ma ghadux izjed fil Vallone-Birchircara, imma m'il-lum il kuddiem jinsab ghal cumdità ta' cullħadd fi Strada Fleur-de-lis No. 16F, (kuddiem li' Stazjon ta'l Ferrovija.)

Jinsab armat pulit, nadif u fornit b'cull xorta ta' Gallettini, Perlini, Cioccolati, Mustardini u minn cull xorta ta' ħelu ieħor.

Jinsab ucoll Sapun ta's-Sunlight u ta'l Carbolic u lamtu, Cocotina u oggetti oħra, li jinbighu l'a ngrossa, bl'uzin u bl-imnut ucoll.

Inservu bl'aħjar TE' ta' «Ceylon» li hu ippremjat b'bosta midalji ghall qualità superjuri tieghu.

Collox frisc, fin u garantit. Inserau lill ħŭienet ta'l Belt u ta'l Campanja, ta' Malta collha, u il prezzijiet huma moderati tasseŭ. Ippruvaŭ u taraŭ il verità.

GIUSEPPE FENECH & Co.—Proprietarji.

## SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso javża lill clientela tieghu li biex ijcun jista jakdiha aħjar minn Raħal Ĝdid niżel jokgħod il Belt, fil Strada Stretta Nu. 156, cantuniera ma' Strada San Giovanni u fejn hu armat b'cull xorta ta' għodda moderni u m'il aħjar biex ijcun jista jaghmel bridge u crown work, u xoghol fuk il metal chif ijmiss u bi prezzijiet moderati tasseŭ.**

*Sejjer Johrog'*

# IR-RUH NISRANIJA
# KUDDIEM GESU' SACRAMENTAT

## SIEGHAT TA' ADORAZJONI

TA'L

## CAN: TEOL: LUIGI VELLA, D.D.

TA GHAŬDEX.

Dina l-eŭŭel taksima ta' dana il ctieb tant sabiħ u meħtieġ ghal min ijrid ijsalva ruħu sejjra toħroġ gha't-tieni darba billi l-eŭŭel ħarġa inħatfet fi żmien kasir, ghad li minnha chien ġie stampat ghadd cbir ta' copji. Billi ħafna talbu lill imfaħħar chittieb b'il malti Can: Vella dana tħajjar jiġbor l-imsieħbin biex jecc ijsib b'iż-żejjed jarġa joħrogħa. Ma dac li chien fiħ kabel bi ħsiebu jżid xi ħaġ' oħra. Jcun ijkum XELIN U ERBA SOLDI mal cunsinja u ghal min ma jcunx imsieħeb actar. Il-legat u indurat xelin u għaxar soldi: Min jissieħeb fi tnax il copja jieħu uaħda oħra b'xejn.

Min ijrid jissieħeb jista jicteb ucoll lili jeŭ lil Can: Vella, Strada Sabina, Città Vittoria Ghaŭdex. Dana il ctieb ta' chittieb tant gharef nirraccomandahulcom b'kalbi collha.

# TÈ TA CEYLON
# 'MARAVILLA'

## IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI
## TAD-DEHEB

GHAL

KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

## JINBIEGH 1s. 8d. & 1s. 10d. IR-RATAL

GHAND L'AGENTI F'MALTA

# C. CAMILLERI & SONS

## 50 u 51 Strada Mercanti il Belt

CAMPJUNI TA DAN IT-TE' JINTGHATAU B'XEJN.

# BRITANNIA

STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &ec.**

BRITANNIA




BRITANNIA

INJAM

**ta'l ahmar, ta'l abjat, u ta'l cawba. Collox m'il irhas u m'il ahjar.**

BRITANNIA

Biex tinzammu b'sahhitcom

IPPURIFICAU

BIDDLU

u SAHH'HU

DEMMCOM

BID

**DEPURATIV**

**RICHELET**

Dawc collha li jridu jiccurau miehhom u jinzammu dejjem b'saħħitom minngħajr ma jinħakru b'cull xorta ta' mardijiet għandhom jieħdu DARBTEJN jew TLIETA fis-sena minn din il medicina DEPURATIV RICHELET li jista jingieb minn għand dan is-sinjur:—

Monsieur L. RICHELET, 13, rue Gambetta, SEDAN (Franza).

Hawn Malta jinxtara minn għand **L-Ispizzjar Alfredu Cumbo** ta' Strada Rjali, 26. Il Belt.



Min hu marid bl-ANEMIJA (fakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu

**L'ELIXIR**

**TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat wara għaxar snin ugiegħ ta' ras kawwi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kawwija. Dawna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvawħ fukhom stess jew fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

# Is-Sur Raff: Bonello

TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

**(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)**

għandu għal bejh cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħwejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-twiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'dawl kawwi u sabiħ wisk u ħafna ħwejjeġ oħra bħal dawn ta'l aħjar qwalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaw biex tarau chif toħorġu cuntenti sgur.

# L-Ispizzjar A. CUMBO,

BILLI IL CLIENTELA TIEGHU KIEGHDA TIGBER CULL MA TMUR GHALIEX M'HUX BISS IJBIEGH MEDICINI U ĦWEJJEĠ OHRA M'IL AHJAR U B'REKKA CBIRA IŻDA UCOLL BI PREZZIJIET IRHAS TASSEW, CABBAR L-ISPIŻŻERIJA TIEGHU U HADHA **F'IL HANUT TA' HDEJH SEWWA** LI HU WISK ACBAR U ISBAH U B'HECC IJCUN JISTA JAKDI AHJAR U B'ACTAR HEFFA LIL BOSTA NIES LI DEJJEM IJCOLLU FL-ISPIŻŻERIJA TIEGHU. META TGHADDU MINN HEMM MORRU ATU DAKKA TA' GHAJN, **Strada Rjali, il Belt, kuddiem il Club sewwa.**

## IS-SECLU TA'N-NERVI.

**Hecc sejjaħ is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma hawn ħadd li ma hux maħsus b'in-nervi u l-actar b'il mishuta**

NEVRASTENIJA

**li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jitħabtu biex ijsibu cura sewwa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Ħafna ippruvaw iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar**

Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li wara studju cbir sab il famus**

ANTINEVROTICU

**li kiegħed ijfejjak jew jagħmel il gid lil cull min jużah.**

**F'Malta dan ijbigħu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

**IPPRUVAWH GHALIEX MA JIBDIELCOMX !**


In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien, il Furjana.